**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 86/2018 AGV**

**AB ( 482112 L)**
**Vs**
**CB ( 319587M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB (ID nru ;482112L)** tad-19 ta' Settembru 2018, fejn ppermetta u talab is-segwenti ;

1. Illi permezz ta' kawza fuq citata l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ghal-separazzjoni personali ta' bejniethom;
2. Ili prezentament l-aspett finanzjarju tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet, huwa regolat mis-sistema tal-komunjoni ta' akkwisti , b' dan illi madankollu u f' dal-istadju, l-iskop tal-istess komunjoni ta' bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox u dan kif ser jigi debitament spjegat;

3. Illi l-esponenti qieghed jintavola dar-rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ghan illi dina l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-istess artikolu, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
4. Illi l-esponenti jirrileva umilment illi kif stipulat bl-aktar mod inekwivoku fl-artikolu 55 (1), tal-Kodici Civili, *l-Qorti tista', f' kull zmien, matul is-smiegh tal-kawza tal-firda, fuq talba ta' wiehed, jew ohra mil-mizzewwgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin'*
5. Illi l-esponenti jirreleva umilment illi l-partijiet issa ilhom separati de facto ghal diversi snin u dan wara li l-intimata rrendeiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet, ghal kollox impossibbli u ghazlet li tfarrak familja li l-parijiet kienu bnew flimkien.
6. Illi l-esponenti diga' pprezenta ukoll l-affidavit tieghu, liema affidavit jelenka bil-gurament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
7. Illi da parti taghha, l-intimata ma kkoperat bl-ebda mod fil-proceduri ta' medjazzjoni, b' dan illi hija naqset milli tattendi ghas-seduti relattivi u dan kemm ghal dak li jirrigwarda l-proceduri ta' medjazzjoni inizjati mill-esponenti, kif ukoll dawk inizjati minnha stess.
8. Illi l-esponenti jirrileva unilment illi l-intimata ghamlet minn kollox sabiex ittawwal u xekkel il-proceduri u l-possibilita' li l-parijiet jaslu ghal separazzjoni bonarja, b'dan illi fil-frattemp hija tghix fid-dar matrimonjali u tal-partijiet flimkien mal-minuri, fejn ikun hemm regolament ukoll is-sieheb tal-istess intimata.
9. Illi minghajr pregidizzju ghall-premess, l-esponenti jirreleva umilment illi l-intimata tahdem bhala pharmacy technician, gewwa Sir Paul Boffa Pharmacy, filwaqt illi l-esponenti, jahdem ghal rasu.

10. Illi ghal dak illi jirrigwarda manteniment l-esponenti jirrileva umilment li oltre l-fatt lil-intimata hija finanzjarjament indipendenti, kif fuq spjegat, hija ddekadiet ukoll mid-dritt taghha, li tirceivi manteniment , in vista, inter alia, ta' adulterju, b' dan illi ghal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut ghall-minuri, dan jinsab regolat permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, u datat 21 ta' Dicembru, 2017.

11. Illi strattament minghajr pregudizzju, ghall-premess u kif ritenut ben tajjeb minn dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza bin-numru 217/2014/1 AL, u datata 15 ta' Ottubru 2015, b' referenza ghal talba ghall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti, *' xejn ma jista' jigi mittiefes bit-talba odjerna tar-rikorrenti, peress illi jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwsiti, mill-lum, l-obbligi tal-manteniment kemm versu r-ragel jew l-mara, kif ukoll lejn l-ulied, jibqa' vigenti bejn il-partijiet, u* l-*istess jinghad ghal dak kollu li jaqa' taht il-kommunjoni tal-akkwisti jew ta' xi immobbli parafernali tal-partijiet, stante li t-talba odjerna tkun applikabbli biss mdid-data ta' dad-digriet ' il quddiem, u mhux b' mod retroattiv'*. B' dan illi fl-istess sentenza dina l-Onorabbli Qorti, laqghet it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u ddikjarat illi' *dak illi qed jitlob ir-rikorrenti, huwa biss l-istess kommunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh u dana bl-ebda mod ma jista' jikkreja pregudizzju sporporzjonat lill-intimata.*

12. Illi ghaldaqstant , u fid-dawl tas-suespost, certament illi fil-kaz odjern ma hu ser jigi kkawzat l-ebda tip ta' pregudizzju , kontemplat fl-artikolu 55 (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b' dana illi sakemm tigi xolta l-komunjoni, tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet, permezz tal-kawza odjerna, jkun opportun illi l-istess komunjoni tigi itterminata minnu fih sabiex, minflok, il-partijiet jaddottaw ir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-assi.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li tali sentenza tigi notifkata id-direttur tar-registru pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-imsemmi Kap.16;
3. Tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bjen il-partijiet huwa dak tas-seperazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti, jidhirlha xierqa u opportuni.

**Rat ir-risposta ta' CB, datata 24 ta' Gunju 2019 ghar-rikors tal-attur datat 19 ta' Settembru 2018;**

1 Illi fl-udjenza tat- 13 ta' Gunju 2019, l-esponenti giet debitament notifikata bl-imsemmija rikors u nghata ghaxart ijiem sabiex tirrispondi;
2. Ili f'da-rikors, il-konvenut qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet;
3. Illi l-esponenti filwaqt li ma topponix ghat-talbiet imsemmija fl-istess rikors, topponi ghad-diversi allegazzjonijiet u fatti hekk indikati fl-istess rikors, u cjoe' li hija hatja ghat-tifrik taz-zweig, li hija ma kkoperatx sabiex jintlahaq ftehim bonarju, u li hija ddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment fost ohrajn, kif ser jigi ben pruvata fil-kawza ta' separazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, fil-waqt li topponi ghall-allegazzjonijiet imsemmija fir-rikors ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti, liema talbiet ghandhom jigu milqugha.

Semghet lill-partijiet;

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Dep Reg**